KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Brussell, 7 ta' Diċembru 2007 (12.12) (OR.en)

Fajl interistituzzjonali: 2007/0812 (CNS)

16305/07

JUR 450
COUR 60
JUSTCIV 335
ASIM 106
JAI 683

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru dok. preċ.: | 15910/07 JUR 437 COUR 57 JUSTCIV 327 ASIM 98 JAI 650 |
| Suġġett: | Trattament tad-domandi għal deċiżjoni preliminari fir-rigward ta' l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja<br>- Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-**Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja**<br>= **Approvazzjoni mill-Kunsill** |

1. Fil-11 ta' Lulju 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja, skond l-Artikoli 245(2), tat-Trattat KE u 160(2) tat-Trattat KEEA, ippreżentat lill-Kunsill talba għall-modifika tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (dok. 11824/07 JUR 281 COUR 37 JUSTCIV 203 ASIM 57 JAI 384).

2. Fl-2208 sessjoni tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2007, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-opinjonijiet dwar dan tal-Parlament Ewropew (dok. 15912/07 JUR 438 COUR 58 JUSTCIV 328 ASIM 99 JAI 651) u tal-Kummissjoni (dok. 15815/07 JUR 423 COUR 52 JUSTCIV 319 ASIM 92 JAI 634) u qabel ma' l-abbozz ta' Deċiżjoni.

3. Id-delegazzjoni Belġjana tixtieq li fil-minuti tal-Kunsill tiddaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja, li tirreferi għad-dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill, li tapprova r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti, filwaqt li timplimenta d-dispożizzjonijiet ġodda ta' l-Istatut (ara d-dok. 15886/07 JUR 432 COUR 55 JUSTCIV 323 ASIM 96 JAI 645).

"Il-Belġju jqis li l-fatt li jiġi previst fid-dikjarazzjoni annessa għall-minuti tal-Kunsill, li l-Qorti għandha tippreżenta lill-Kunsill mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-proċedura b'urġenza ġdida, rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha, jindika biċ-ċar li fejn xieraq, din il-ħtieġa għandha ssir sabiex id-dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu riveduti."

4. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden biex:
- jadotta, fil-parti "A" ta' l-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet li jmiss, l-att li jidher fid-dok. 15901/07 JUR 436 COUR 56 JUSTCIV 326 ASIM 97 JAI 647, hekk kif jirriżulta wara li ġie ffinalizzat mill-ġuristi lingwisti (15945/07 JUR 440 COUR 59 JUSTCIV 329 ASIM 100 JAI 658);
- idaħħal id-dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Belġjana fil-minuti tiegħu.

______________